# Preżentazzjoni lill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex

## It-Turiżmu f'Għawdex fi żmien il-Milied

Daniel Borg It-Tnejn 15 ta' Jannar 2023

---

[**Slide 1**] L-ewwel nett xtaqt nirringrazjakhom tal-istedina. Id-diskussjoni li qed issir illum fi ħdan dan il-kumitat hi waħda appropjata li għandha tgħin biex issir diskussjoni trasparenti fuq is-suġġett. Madanakollu nemmen li din għandha titpoġġa f'kuntest li jgħinna nifhmu iktar il-fenomenu turistiku f'Għawdex f'dawn iż-żmenijiet. Dan huwa mportanti biex l-analiżi dwar ir-rispons li jien se nagħi llum jiġi analizzat b'mod tajjeb u bilanċjat.

[**Slide 2**] Huwa mportanti li wieħed jgħid, kif muri f' din is-*slide* li qed nuri issa, li ż-żieda fit-turiżmu domestiku kienet waħda mportanti f'dawn l-aħħar snin. Din għenet lis-settur tat-turiżmu Għawdxi biex jaffronta sfidi kbar bħal ma kienet il-pandemija tal-COVID-19.

[**Slide 3**] Madanakollu f'dawn l-aħħar snin esperjenzjajna ukoll fenomenu ieħor li kien jikkonsisti fix-xiri tal-propjeta' f'Għawdex, kif qed naraw hawnhekk. Dan il-fenomenu kien inċentivat prinċipalment minn Maltin li xtraw il-propjeta' tagħhom f' Għawdex. [**Slide 4**] Dan ifisser li meta wieħed janalizza il-profil tas-suq tat-turiżmu domestiku jara wkoll li ħafna qed joqogħdu f'dik li tissejjaħ *non rented accommodation* li tinkludi propju l-propjeta' li xtraw huma jew familjari tagħhom. Dan ifisser ukoll li l-impatt ekonomiku tagħhom mhux se jkun fuq l-akkommodazzjoni imma fuq setturi oħra bħar-*retail*.

Ma' dan il-fenomenu wieħed irid iżid ukoll li minbarra l-fatt li 79% tal-propjeta f'Għawdex hi magħmula minn *self-catering units*, il-postijiet tas-sodod li joffri Għawdex komplew jiżdiedu f'dawn l-aħħar snin. [**Slide 5**] Infatti mill-2017 l'hawn kien hawn żieda ta' l-fuq minn elf sodda f'Għawdex, liema żieda imma ma kienetx ġejja mill-istabbilimenti li joffru akkomodazzjoni kollettiva bħal fil-każ tal-*hotels*, imma mis-*self catering units*. Dan ifisser li filwaqt li l-attivita li ġejja kemm mit-turiżmu domestiku u dak barrani qed tiżdied b'mod ħolistiku il-mod ta' kif qed tiġi ġġenerata din l-attivita' qed jitbiddel, kif ukoll l-impatt tagħha fuq id-diversi setturi.

Bħalma jsir kull sena ħejjejna eżerċizzju fejn tkellimna ma' diversi operaturi fis-suq li tawna b'mod kwalittativ l-andament tagħhom fi żmien il-Milied li se niġbor f'dawn il-punti:

- [**Slide 6**] **Stabbilimenti li joffru akkommodazzjoni kollettiva bħall-*hotels*.** Minn kif tkelmu magħna jidher li d-domanda kienet waħda tajba, u kif inhu normali pjuttost kwieta fl-ewwel perijodu ta' Diċembru, imma li żdiedet sostanzjalment mill-Milied sal-ewwel ġimgħa ta' Jannar. L-istess, irrappurtaw li l-attendenza għall-attivitajiet li organizzaw marbutin ma' żmien il-Milied bħal *Christmas Lunch*, u *New Year's Eve Dinner* kienet waħda tajba ħafna. Uħud għamlu investimenti ukoll fil-mod ta' kif joffru l-prodott tagħhom, b'investimenti fi prodotti *high-end* li jidher li qed jintlaqgħu tajjeb.

- [**Slide 7**] **Self-catering Units.** Fil-każ tal-Kamra se nkun qed nirraporta fuq negozji li ma jkollhomx stabbiliment wieħed imma li jkunu jmexxu diversi stabbilimenti, fil-każ tagħna numru ta' *farmhouses*. Dawn kienu prattikament vojta sal-perijodu tal-Milied, bil-perijodu li jagħti bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena jirreġistraw *half capacity*. Ma' min tkellimna rrappurtaw kif dan jista' jiġi attribwit għal diversi raġunijiet fosthom iż-żieda fis-*self catering units* u l-fatt li dawk li jżuru l-Għawdex ma jsibux per eżempju din l-

akkommodazzjoni attraenti għal-matul dan il-perijodu. Magħhom nemmen li għandu jiżdied il-fatt li ħafna nies illum għandhom il-propjeta' tagħhom stess f'Għawdex.

- [**Slide 8**] **Ristoranti.** F'dan il-każ i -perijodu li jagħti għall-Milied kien wieħed batut. Madanakollu bejn is-26 ta' Diċembru, fejn jidher li qasmu ħafna Maltin sal-perijodu tal-ewwel tas-sena kien wieħed tajjeb ħafna. Minn naħa l-oħra fejn jidħlu ikliet organizzati bħal per eżempju *staff parties*, filwaqt li l-volum kien wieħed tajjeb, dawn irrappurtaw li l-għażla marret per eżempju fuq l-orħos *menus* offruti. Ta' min jgħid hawnhekk li dawn qed jifhmu l-konsumatu u qed jipprovaw jadattaw irwieħhom. Imma ta' min jgħid ukoll li minn naħa tagħhom huma wkoll qed jesperjenzjaw żiedet sostanzjali fil-prezzijiet speċjalment fejn jidħlu il-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel. F'dan l-aspett mhix kwistjoni li wieħed jieħu naħa jew oħra imma li jifhem is-sitwazzjoni kif inhi. It-tnaqqis fil-*purchasing power* ġejja minn żidiet f'setturi oħra wkoll. Għalhekk huwa tajjeb li wieħed iħares lejn is-sitwazzjoni b'mod ġenerali. L-għoli tal-ħajja qed jaffetwa lil kulħadd. Għan-negozji dawn l-aħħar snin poġġew quddiemhom sfidi kbar: pandemija, gwerer f'diversi naħiett tad-dinja, bil-kriżi fil-kanal ta' Suez tkun l-aħħar waħda li qed tkompli tgħolli l-prezzijiet ta' diversi prodotti. Aħna konxji li d-dibattitu fuq l-inflazzjoni huwa wieħed kurrenti ħafna, imma nemmen ukoll li tenħtieġ analiżi korretta, bilanċjata u xierqa. Il-kawżi huma ħafna u għalhekk huwa mportanti li kollox jitqies fil-kuntest tiegħu u jiġi analizzat b'mod attent ħafna. Ovvjament il-kuntest ta' Għawdex għandu jittieħed f'din l-analiżi minħabba li l-ispejjeż għall-operaturi Għawdxin huma ikbar.

- [**Slide 9**] ***Retail* li għandhom x'jaqsmu mal-gastronomija.** Dawn irrappurtaw li l-volum kien wieħed inqas imma ta' iktar kwalita' fejn jidħlu x-xiri ta' *hampers* u rigali minn konsumaturi li għandhom *purchasing power* ikbar. Għalhekk ir-rispons tagħhhom kien li minkejja li l-*purchasing power* in ġenerali naqset, u li qed iwassal biex wieħed joqgħod iktar attent, l-andament ekonomiku f'dan is-settur kien meqjus bħala wieħed tajjeb.

- [**Slide 10**] **Supermarkets.** F'dawn il-każijiet ir-rispons li għandi hu li rreġistraw volum tajjeb għalkemm kien hemm xi ftit tnaqqis fejn jidħol bejgħ relatat direttament ma' prodotti tal-Milied bħal per eżempju ħelu marbut ma' dan il-perijodu. Ovvjament il-bażi tagħna bħala Kamra huma ħwienet li huma stabbiliti u mħaddma minn intrapriżi lokali. Għalhekk wieħed għandu jitfa' dan ir-rispons f'kuntest ta' żieda akbar fil-kompetizzjoni u li jinkludi wkoll *chains* barranin li stabilixxew ruħhom lokalment.

Ridt nagħti nota wkoll fuq l-attivitajiet tal-Milied organizzati f'Għawdex. Nemmen li dawn qed jgħinu ħafna biex Għawdex jikber fl-attrazzjoni tiegħu bħala destinazzjoni għas-settur turistiku u għalhekk nemmen li l-Gvern għandu jkompli jgħin kemm lill-għaqdiet mhux governattivi u kif ukoll lill-Kunsilli Lokali biex ikomplu jorganizzaw dawn l-attivitajiet. Wieħed irid isemmi wkoll l-attivitajiet organizzati mil-Ministeru stess. Kollox ma' kollox il-kalendarju kulturali huwa wieħed komplut.

Madanakollu hekk kif kien l-andament tan-negozju ir-rispons li għandna mill-operaturi li ħadmu f'dawn l-attivitajiet, hi li l-attendenza għal dawk l-attivitajiet organizzati qabel il-ġimgħa tal-Milied kienet waħda dgħajfa, tħalli barra dawk organizzati fiċ-ċentru tar-Rabat, bħal *Christmas Market* fil-Villa Rundle. Minn naħa l-oħra l-attivitajiet li seħħew matul il-ġimgħa tal-Milied u l-ewwel tas-sena kellhom attendenza tajba ħafna. Billi Għawdex qed jiddependi dejjem iktar fuq it-turiżmu domestiku d-domanda għal dawn it-tip ta' attivitajiet qabel il-Milied tkun

kemmxejn limitata minħabba li f'dawk il-ġimgħat ikunu għaddejjin diversi attivitajiet bħal ma huma *concerts* fl-iskejjel. Ix-xejra fin-negozju turi li n-nies qed jiddeċiedu li jiġu Għawdex mil-Milied 'il quddiem.

Punt ieħor ta' riflessjoni li ridt inqajjem hu li filwaqt li n-negozji li tkellimna magħhom huma favur l-attivitajiet b'xejn li jsiru speċjalment f'kuntest li l-*purchasing power* tan-nies qegħda tkun dejjem waħda iktar limitata, uħud poġġew 'il quddiem proposta fejn tinħareġ skema li tgħin lilhom ukoll jorganizzaw attivitajiet ta' livell u li awtomatikament jtejbu l-offerta fil-kalendarju ta' attivitajiet Għawdxi. Dan għandu jgħin biex jintlaqtu turisti ta' kwalita' ogħla. Din l-għajnuna ovvjament trid tingħata skont kriterji stabbiliti.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkhom. [**Slide 11**]